MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tad-29 ta' Marzu, 2004

Numru. 53/2002

PULIZIJA
SPETTUR SIMON GALEA
SPETTUR DENNIS THEUMA
VS
CHRISTOPHER SELVAGI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Christopher Selvagi ta' 42 sena imwieled Sliema fit-23 ta' Gunju 1959 bin William Vincent u Anne xebba Enriquez u li joqghod il-Hennija, Triq il-Militar, Madliena u bin-numru tal-karta tal-identita 433659M talli fit-30 t'Ottubru 2001 f'xi hin filghodu fil-Madliena limiti tas-Swieqi volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor mobbli jew immobbli cioe vettura bin-numru tar-registrazzjoni CAG 586, liema ammont ta' hsara jammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin (Lm50), izda ma jeccediex il-hames mitt lira (Lm500) ghad-detriment ta' Peter Borg bin-numru tal-karta tal-identita 375653M u dan bi ksur tal-artikolu 325(b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess hin, lok u cirksotanzi ghamel lil Peter Borg ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra f'dan il-Kodici, jew jekk ikun ipprovokat, jingurja b'mod li johrog barra mill-limiti tal-provokazzjoni a tenur tal-artklu 338(e) tal-kap 9tal-Ligijiet ta' Malta.

Tali fl-istess hin, lok u cirkostanzi saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni KAC 514 b'manjiera perikoluza, bla kont u b'velocita eccessiva.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputat sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Illi mix-xhieda tal-prosekuzzjoni jirrizulta illi fit-30 t'Ottubru 2001 kienet sehhet kollizzjoni bejn vettura nru CAG 586 misjuqa minn Peter Borg u u vettura KAC 514 misjuqa mill-imputat (ara xhieda a fol 8 et seq).

Spettur Galea xehed illi kien gie infurmat mill-Surgent Azzopardi (PS1393) illi kien hemm allegazzjoni illi din il-kollizzjoni kienet wahda intenzjonata minhabba illi kien hemm kwistjoni bejn il-partijiet.

Illi l-imputat rrilaxxa stqarrija dok SG1 a fol 14 u 15.

F'din l-istqarrija l-imputat stqarr illi huwa kien qabbad lil Peter Borg (kwerelant) biex jahdimlu xoghol ta' tqeghid ta' madum fid-dar tieghu.

Illi dan ix-xoghol ma sarx skond is-sengha u dana minkejja li ingibditlu l-attenzjoni waqt li ix-xoghol kien qed jsir. Illi wara li tlesta ix-xoghol kien evidenti li it-tqeghid ta' madum kien sar hazin u l-imputat rrifjuta jhallas lill-

kwerelant. Illi dana beda jcempel lill-imputat ghal flus u finalment fetah proceduri civili ghal hlas ta’ Lm370. Illi l-imputat ghamel kontro talba ghal Lm1500. Illi l-ewwel dehra il-Qorti, l-kwerelant beda jcempel lill-imputat u joffendieh u heddu li kien ser jkisser lilu u jkissirlu kollox. L-imputat ghamel rapport l-ghassa tal-pulizija li rreferewh ghal Maltacom.

Illi l-ghada waqt illi l-imputat kien hiereg ghax-xoghol fil-ghodu mat-tifla tieghu Lara bil-kar tieghu nru KAC 514, ra lil Peter Borg bil-car tieghu diehel fit-triq tieghu – liema triq hija dejqa hafna, - u Peter Borg ghalaqlu l-access.

Illi ghalhekk l-imputat irriversja distanza konsiderevoli sabiex wasal f’salib it-toroq bejn Triq il-Gmiel u Triq il-Kajjarana. F’dan il-mument il-kwerelant saq ghal fuq l-imputat u dahal fih head on.

Illi l-imputat ra kif ghamel biex jitlaq minn fuq il-post mhabba li kellu lil bintu mieghu u mar jaghmel rapport l-ghassa San Giljan – li qalulu biex jaghmel rapport l-ghassa tan-Naxxar. Din kienet maghluqa u baqa jistenna barra ma zewg pulizija. Wara li infethet l-ghassa u gie registrat ir-rapport, gie l-imputat li ghamel rapport li kien l-imputat li dahal fih.

Spettur Galea esebixxa l-istatement tal-hsarat tal-kwerelant Borg f’ammont ta’ Lm459.49c.

PS1393 Carmel Azzopardi xehed illi kien gie l-imputat jaghmel rapport illi l-kwerelant kien dahal fuqu bil-karozza tieghu waqt li hu kien hiereg mir-residenza tieghu biex jmur ghax-xoghol.

PS Azzopardi xehed illi ftit wara kien gie l-kwerelant Borg li qal li kien mar ghand l-imputat peress illi kien irceva ittra bl-avukat sabiex huwa jhallas lill-imputat Lm1000 u ma jarax ir-raguni ghaliex nbaghtet din l-ittra meta kien hu (il-kwerelant) li kellu jiehu minghand l-imputat.

PS Azzopardi xtqarr illi skond Borg, kien l-imputat li baqa diehel fuqu, li Borg waqaf, hareg mill-karozza biex jistenna li jigu l-pulizija u l-imputat rriversja u telaq minn fuq il-post.

Gie stabbilit illi l-imputat jsuq Nissan Terrano waqt li l-kwerelant jsuq Tata.

PS Azzopardi esebixxa dok PS1 okkorrenza u l-iskizz a fol 64 li juri fejn kienu il-brake marks u fejn kien hemm il-“fragments” tal-impatt.

Peter Borg a fol 28 xhed illi ghandu xoghol ta’ tqeghid ta’ madum. Xehed illi dak inhar tal-incident huwa kien mar jkellem lill-imputat sabiex jara ir-raguni ghaliex l-imputat kien qed jfittxu ghal Lm1500 meta dan l-anqas biss kien hallsu ghal xoghol ta’ tqeghid.

Borg xehed li l-imputat qal li ix-xoghol kien hazin u kien offra li jhallas Lm111 minflok Lm275. Borg xehed li mar ghand Selvagi ghaliex hassu tradut. Xehed ili huwa resaq lejh bil-karozza “ u rajtu baqa gej ghal fuqi” b’konsegwenza ta’ Lm447 hsarat.

Borg a fol 31 xehed illi huwa ma kienx ra lill-imputat jirriversja izda ftit wara Borg ammetta li l-imputat “saq lura u ghadda b’sahha kbira minn hdejja. Kont ghollejt idejja wkoll biex nghidlu biex iwaqqaf u laqatli anki idejja.”

Borg innega illi kien hedded lill-imputat meta cempillu. Mistoqsi ghalix mar sar-residenza tal-imputat ghalkemm kien gja kellem lill-istess imputat bit-telefon, l-kwerelant xehed illi ried jara “ghaliex ghamilli hekk.” (fol 34) u dana minkejja li l-kwerelant kien jaf li l-imputat ma hallsux ghaliex “ra xi xoghol hazin.” (fol 35).

Mistoqsi kif saret il-kollizzjoni Peter Borg u a fol 37 jghid:-
“Jiena bqajt miexi bil-mod ghal hdejh u rajtu ser jibqa jsuq ghal fuqi u waqaft u hu baqa jsuq………. Hu regga lura, telaq…….jiena zammet daqsxejn brake. Fil-fatt il-marki tal-brejkijiet hemmhekk hemm.”

Mistoqsi dwar il-brakemarks, l-kwerelant jghid li dawn brakemarks tul 15 il-pied kienu tieghu (fol 38).

Mistoqsi mill-Qorti ir-raguni ghaliex ma rrapurtax li l-imputat laqatlu jdejh bil-karozza, l-kwerelant Borg jghid illi ma kenitx gravi l-affari u "jiena inhobb incekkinhom l-affarijiet mhux inkabbarhom."

PC1294 Brian Bugeja a fol 43 kkonferma l-istqarrija tal-imputat William Borg (a fol 45 et seq) iben l-kwerelant, xehed illi huwa kien akkompanja lil missieru  sa ghand l-imputat. A fol 45 xehed illi l-imputat baqa diehel go fihom stante li missieru kien zamm brake. A fol 46 pero xehed illi huma waqfu mal-habta.

Lara Selvagi, bint l-imputat li ghazlet li tixhed (fol 47) qalet li hija kienet ma missierha fil-karozza ghaliex kienet sejra l-iskola. Xehdet li rat lil kwerelant li kien rrabjat hafna. Xehdet li missierha rriversja sabiex jhallih jghaddi; kif l-kwerelant dahal bis-sahha fuqu head on, waqt li missierha kien wieqaf. Skond Lara Selvagi il-marki li kienu jidhru ma l-art ma kienux "brakemarks" izda "skid marks".

Victor Zammit Tabona a fol 51 xehed li ra lill-imputat sejjer fil-ghodu bhas-soltu u ftit wara semgha hoss tal-impatt.

Gie esebit skizz a fol 55.

Peter Borg rega ta' ix-xhieda tieghu fid-29 t'April 2002 pero kien ghadu ma kisibx stima tal-hsarat li garbet il-karozza tieghu (fol 59 u 60).

PS1393 Carmel Azzopardi a fol 62 xehed illi huwa kien ghamel sketch skond l-"iskid marks" li sab.

Peter Borg reggha xehed a fol 69 et seq dwar l-istima u sostna illi r-rappresentanti tat-Tata ma jaghtux stima ufficjal  u esebixxa stima ta' labour u spray fl-ammont ta' Lm170 u lista ta' prezzijiet tal-parts li riedu jitbiddlu.

A fol 76 Frank Portelli, "panel beater" kkonferma l-istima dok PS.

Johann Cuschieri a fol 82 xhed dwar il-policy tat-Tata fir-rigward tal-istimi.

Peter Borg a fol 85 kkonferma l-istima li ta hu, fost affarijiet ohra ta' "indicator" u "corner bumper".

Fit-tieni xhieda tieghu Johann Cuschieri xhed dwar l-prezzijiet tal-parts b'total ta' Lm294.64c.

Anzi Cuschieri kompla jikkonferma illi kien hemm parts ohra tal-car li kellha bzonn tinbidel, izda l-imputat qallu li l-panel beater tieghu kien sejjer jtellaghha.

Peter Borg rega xhed a fol 95 sa 96 pero ma kellux xejn gdid xi jghid.

L-imputat xehed a fol 98, kif kien qabbad lill-imputat jahdiemlu xoghol tal-madum, kif hallsu Lm80 ghal xoghol ta' tqeghid ta' tiles tal-hajt u kif il-madum tal-art gie imqieghed mhux skond is-sengha – mhux invellat. Illi in fatti kien gieghlu jaqta xi whud mit-tiles u minhabba li tiles wahedhom kienu jiswew xi Lm1500, l-imputat ddecieda li ma jhallsux Lm370.

L-kwerelant beda jcempillu, jiktiblu b'avukat imbaghad fetahlu kawza. L-imputat intavola kontro talba ghal Lm1500. Illi fil-prim appuntament l-kwerelant skopra tali kontro talba u cempel lill-imputat taht kunjom falz – (Sammut), u beda joffendieh u jheddu li kien ser jkissru.

L-imputat xhed illi huwa ghandu Terrano Nissan, u li sab lill-kwerelant bil-karozza tieghu jistennieh li ghalaq l-access tat-triq. L-imputat irriversja u waqaf biex jhallih jghaddi pero l-kwerelant accellera u baqa diehel fuqu bis-sahha. Illi l-imputat xehed li rah jinzel mil-karozza u meta ra hekk irriversja u skapulah.

Illi l-kwerelanti sahansitra ta' daqqa fuq il-karozza tal-imputat u hu ghaddej

Mistoqsi kif saret il-kollizzjoni l-imputat jghid a fol 104:

“irriversjajt, kif ezatt waqaft, hu qala, gie bl-ispeed u baqa diehel head on go fiha.”

Illi l-imputat mitlub mill-Qorti, mmarka fuq l-iskizz esebit min fejn rranka l-kwerelant sal-punt ta’ l-impatt.

L-imputat xehed dwar ix-xokk li kellu hu u bintu, kif mar jaghmel rapport l-ghassa San Giljan, kif gie istruwiet biex jmur l-Ghassa tan-Naxxar u kif meta kien qed jkellem lis-Surgent kien dahal l-kwerelant jghajjat li kien l-imputat li dahal fuh u mhux vice versa.

L-imputat spjega a fol 105, li kienet impossibbli l-manuvra li l-kwerelant jghid li l-imputat ghamel.

Illi apparti kien hemm id-debris tal-impatt li juri car fejn sehhet il-kollizzjoni.

L-imputat xehed wkoll illi gara tieghu infatti kien rah jirriversja it-tul kollu tat-triq fil-hin tal-incident.

Ikkunsidrat:-

Illi din il-kawza tippernja kompletament fuq kredibilita o meno tal-protagonisti tal-kaz.

Illi l-Art 637 tal-kap 9 jipprovdi:-
Any objection from any of the causes referred to in sections 630, 633 and 636, shall affect only the credibility of the witness, as to which the decision shall lie in the discretion of those who have to judge the facts, regard being had to the demeanour, conduct, and character of the witness, to the probability, consistency, and other features of his statement, to the corroboration which may be forthcoming from other testimony, and to all the circumstances of the case.”

Illi din il-Qorti kellha l-opportunita illi ssegwi mill-qrib l-atteggjament tax-xhieda principali u hi tal-fehma, illi l-versjoni tal-imputat hija mhux biss kredibbli imma verosimili.

Dan qieghed jinghad ghaliex din il-Qorti rat l-animu tal-kwerelant, rat il-maniera kerha li biha jinkorla ghal kull osservazzjoni, rat ir-rabbja tal-kwerelant meta induna illi seta jigi imfittex ghal danni fuq xoghol allegatament mhux skond is-sengha, illi ir-rabbja tal-kwerelant kienet ghadha palpabbli waqt li kien jirrakonta il-grajjiet xhur wara l-avveniment.

Apparti dan, il-versjoni li ta' l-kwerelant mhiex verosimili u dan jirrizulta minn diversi fatturi li jaqghu f'ambitu ta' "circumstantial evidence'.

Hekk per ezempju il-post fejn gara l-impatt, ma kienx fejn qal l-kwerelant, dan gie kkonstatat mhux biss mid-debris tal-impatt imma anki mill-pulizija li ghamel l-iskizz u l-gara li ra lill-imputat jirriversja.

Hemm wkoll il-fatt illi l-imputat kien ilu jithabat biex jaghmel rapport u intbaghat diversi postijiet biex jaghmel dan, waqt li l-kwerelant iltaqa mal-imputat l-ghasses sieghat wara l-incident.

Illi di piu jirrizultaw inkonsistenzi serji fix-xhieda tal-kwerelant Borg (ara fol 31) dwar il-kwistjoni jekk Borg rax lill-imputat jirriversja.

Hemm wkoll ix-xhieda notevoli ta' William Borg li f'nifs wiehed jghid li l-imputat baqa diehel go fihom, u fin-nifs iehor jghid illi iz-zewg karozzi waqfu b'impatt.

Illi ix-xhieda kardinali li imbaghad jgiddeb il-versjoni tal-kwerelant hija x-xhieda tat-tifla tal-imputat li tat rakkont preciz ta' dak illi gara, (ix-xhieda ta' Lara Selvagi) a fol 47 et seq, xhud giovanili li konsistentement u b'mod l-aktar preciz tat xhieda dettaljata ta' kif gara l-incident.

Illi ghal dawn il-motivi din il-Qorti ssib lill-imputat mhux hati tal-akkuzi kif dedotti u tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------